Numru 70 ● Marzu 2009 ● www.ktieb.org.mt

Folju ta' Aħbarijiet

il-kunsill nazzjonali tal-ktieb

# Jinħatar il-Ħames Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

**L-Onor. Ministru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, Dolores Cristina, għadha kif ħatret il-ħames Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Dr Ġorġ Mallia kien ikkonfermat president tal-Kunsill għat-tielet darba.**

Barra Dr Mallia, il-membri magħżula huma s-Sinjuri Marisa Attard, Philip Borg, Priscilla Camilleri, Charles Caruana Carabez, Charles Casha, Victoria Galea, Martes Paris, Trevor Żahra, u Dr William Żammit.

Is-Sur Sergio Grech huwa d-Direttur Eżekuttiv, u s-Sur Joe Debattista s-segretarju tal-Kunsill il-ġdid.

Fost il-proġetti li dan il-Kunsill hu ppjanat li jieħu ħsieb, ta' min isemmi riċerka estensiva u serja dwar il-qari f'Malta bl-intenzjoni li nifmu r-raġunijiet dwar l-indikat nuqqas ta' qari mill-Malin; proġetti mal-iskejjel u mal-Kunsilli Lokali favur il-qari, riżorsi għall-Għalliema biex jgħinu tikber l-imħabba lejn il-ktieb qalb it-tfal; diskussjonijiet mal-awtoritajiet konċernati rigward il-pużizzjoni tal-Industrija tal-Kotba f'pajjiżna; kampanja favur id-drittijiet tal-*copyright* f'Malta; pubblikazzjoni tar-rirċerka dwar l-istorja tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb; kontinwazzjoni tal-proġett tal-websajt tal-Kunsill u tar-riforma tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u l-Fiera tal-Ktieb; proġetti barra minn Malta favur għarfien tal-Ktieb Malti; rivista dwar il-kotba; u programmi fuq ir-radju u t-televixin dwar il-kotba.

Fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill il-ġdid, li saret il-Ħamis 5 ta' Marzu, kienu diskussi l-pjani għal dan it-terminu, u twaqqfu għadd ta' Kunsilli, tnejn *ad hoc* (wieħed għar-reviżjoni tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, immexxi mis-Sur Charles Casha, u ieħor għar-reviżjoni tal-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb, immexxi minn Dr Ġorġ Mallia), u wieħed tekniku, li se jieħu ħsieb il-proviżjonijiet għall-Kunsill, immexxi mis-Sin. Victoria Galea u s-Sur Charles Caruana Carabez.

Kienet diskussa wkoll, fost ħwejjeġ oħra ta' interess għall-promozzjoni tal-ktieb, il-possibilità li jsiru għadd ta' attivitajiet u bejgħ ta' kotba għall-iskejjel u l-poplu inġenerali fit-tlett ijiem ta' madwar il-Jum Dinji tal-Ktieb f'April.



Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb il-ġdid. Mix-xellug għal-lemin, is-Sinjuri Charles Casha, Philip Borg, Joseph Debattista (Segretarju), Dr William Zammit, is-Sinjuri Charles Caruana Carabez, Victoria Galea, Dr Ġorġ Mallia (President), is-Sinjuri Marisa Attard, Martes Paris, Priscilla Camilleri, Sergio Grech (Direttur Eżekuttiv) u Trevor Żahra.

# Stedina lid-Ditti Kummerċjali

**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb qed jistieden lid-ditta kummerċjali biex jagħtu l-appoġġ tagħhom lill-Premju Nazzjonali tal-Ktieb billi ġentilment jagħtu €800 li jgħinu jtaffu l-ispejjeż tal-premju. Il-kategoriji huma kif ġej:**

Proża Letterarja
Proża mhux Fittizja
Poeżija
Drama
Riċerka
Tfal u Adoloxxenti.

Min-naħa tagħna aħna nintrabtu li

Il-kategorija magħżula minn dik il-kumpanija tissemma għad-ditta;

Il-logo tal-Kumpanija jidher fil-websajt tal-KNK;

Fil-websajt tal-KNK ikun hemm link mal-websajt tal-kumpanija li jdum sena;

Isem il-kumpanija jissemma f'kull materjal stampat u mxandar konness mal-Premju;

Matul iċ-ċerimonja li matulha jiġu mħabbra l-premjijiet, id-ditta tissemma/tidher fuq materjal awdjoviżiv;

Logo tal-kumpanija jidher fil-ktejjeb ippubblikat għall-okkażjoni;

Din iċ-ċerimonja tixxandar fuq wieħed mill-istazzjonijiet televiżivi lokali;

Rappreżentanti tal-Kumpanija jkunu mistiedna jattendu għaċ-ċerimonja li matul l-aħħar sentejn saret fil-Berġa ta' Kastilja taħt il-Patroċinju tal-Onor. Prim Ministru. Għadna m'aħniex f'pużizzjoni li nkunu nafu jekk din is-sena s-serata hix se terġa' ssir hemmhekk.

Imma xorta waħda tibqa' ċerimonja prestiġġjuża ħafna.

Jinħareġ komunikat għall-istampa biex jitħabbar l-*isponsorship*.

# Ħidma mal-Istazzjonijiet Komunitarji

**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għandu l-aġenda li jiftaħ id-dinja tal-ktieb għal kulħadd. Il-Kunsill, li jaqa' taħt il-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sports qed jistieden lid-diriġenti tar-radjijiet tal-komunità biex jissieħeb magħna fi skema biex flimkien nippromovu l-qari u l-ktieb Malti.**

Il-proposta tagħna fil-qasir hija din.

L-istazzjon jista' minn żmien għal żmien jorganizza intervisti dwar ħidmet il-Kunsill imma wkoll l-istazzjon jista' wkoll jorganizza skeda ta' programmi dwar il-qari u aħna min-naħa tagħna nagħtu l-appoġġ kollu billi nipprovdu l-mistiedna u ngħinu fl-għażla tat-temi li jkunu diskussi.

Is-servizzi kollha li joffri l-Kunsill huma mingħajr ħlas.

# Aħbarijiet Oħra

Nhar is-Sibt 6 ta' Marzu, Sergio Grech ser ikun mistieden fil-programm ta' Dr Andrew Azzopardi fuq Radju Malta. Il-programm jixxandar fl-10 am. U ser ikun diskuss il-ktieb Malti.

Editur: Sergio Grech - Disinn: Ġorġ Mallia